**Ħejjijlu post speċjali f'qalbek**

Wara li naddfuli snieni
Tlajt fuq, għall-kwiet fil-kappella,
Qgħadt bilqiegħda, qgħadt nosserva
Il-gmiel tagħha, qisha ċella.

Ħarist ferħan lejn artalha
Mal-faċċata rajt kliem sabih,
Li imlieni b'ħafna mħabba
Ma nieqafx ħuti intennieh.

Ħejjilu dak 'l-post speċjali
F'qalbek għażiż ħija w ħabib,
Għax fiha jrid jiġi joqgħod
Il-veru għaqli w kbir tabib.

Qalbek irid, fiha jgħammar
Jibdilha moħħu ta' taħt fuq,
Isa ħija, ibd'iċċekken
Ħalli mħabbtu tkun tista' dduq.

Għax mingħajru frakass kiefer
Ikun hemm biss biki u lfieq,
Afda fih li hu tant ħlewwa
Lilek fi ħdanu kemm jixtieq.

Qerr qrara tajba u ħoxna
Hekk tinħeles minn wisq uġiegħ,
Ta' qalb imtaqqla b'tant ħtija
Li ħallietek mingħajr mistrieħ.

Sib qassis inkella Patri
Mhux importanti min ikun,
Serraħ qalbek hekk muġugħa
Thossok wisq b'saħħtek bħal Sansun.

U t-tbissima terġa' tilma
Fuq dawk is-sbieh, ħelwin xufftejk,
Terġa' tkun il-kewkba tagħna
Bil-ferħ jiddawwlu dawk għajnejk.

Għalhekk taqtax qalbek, ifraħ,
Mintix tkun le xi wieħed tost,
Meta lil Ġesù titolbu
Int biss f'qalbek ħejjijlu post.

Patri Mario Attard OFM Cap

4 ta’ Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.